31997D0832

18.12.1997 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 348/169

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Novembru 1997

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-qasam tat-trasport

(97/832/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 75 flimkien mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikli 228(3) ta' dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-qasam tat-trasport jipprovdi mezz xieraq għat-tneħħija permanenti ta' diversi ostakli maġġuri lit-traffiku li jgħaddi mill-Komunità minn ġewwa t-territorju tal-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

Billi l-Ftehim jikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern peress illi huwa jiggarantixxi l-mogħdija libera minn ġewwa l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għat-trasport intern bejn il-Greċja u l-Istati Membri l-oħrajn u għalhekk jippermetti li jkun jista' jsir in-negozju internazzjonali bl-inqas spiża possibbli lill-pubbliku b'mod ġenerali u biex jitnaqqsu l-ostakli amministrattivi u tekniċi li jaffettwawh;

Billi, barra minn hekk, huwa meħtieġ li jkun assigurat l-iżvilupp koordinat tal-kotra tat-trasport bejn u minn ġewwa t-territorji tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim, b'mod partikulari billi jitwaqqfu l-prijoritajiet għall-iżvilupp ta' infrastruttura xierqa fl-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja b'għajnuna finanzjarja mill-Komunità u billi jkun promoss il-ġarr bil-ferrovija u t-trasport kombinat, bil-għan li jkun protett l-ambjent;

Billi, għalhekk, il-Ftehim jinkludi dispożizzjonijiet maħsubin biex jissimplifikaw il-formalitajiet tad-dwana;

Billi huwa meħtieġ li jkun approvat il-Ftehim f'isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-qasam tat-trasport qiegħed hawnhekk jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuz ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika li hemm provduta fl-Artikolu 26 tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, assistita minn rappreżentanti tal-membri tal-Kunsill, għandha tirrappreżenta l-Komunità fil-Kumitat tat-Trasport Kollettiv imwaqqaf mill-Artikolu 22 tal-Ftehim.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kumitat tat-Trasport Kollettiv għandha tiġi addottati mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi meta d-Deċiżjoni tal-Kumitat tat-Trasport Kollettiv jipproponi li jieħu rakkonti lir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat.

Deċiżjonijiet meħudin mil-Kumitat tat-Trasport Kollettiv għandhom jiġu pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

Għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Novembru 1997.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. FISCHBACH

---

([1]) ĠU C 79, tat-12.3.1997, p. 159.

([2]) ĠU C 339, ta' l-10.11.1997.